MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 149/2003

Il-Pulizija
(Spettur David Saliba)
(Spettur Joseph Agius)
Vs

Charles Mangion
Charlot Aquilina

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Charlot Aquilina w persuna ohra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja talli :
1) fit-12 ta' Mejju 2001 wara nofs in-nhar ghall-habta ta' 3.00 p.m. gewwa Zejtun ikkometta serq ta' somma flus ta' aktar minn LM100 izda anqas minn LM1000 minn gewwa "Shameria Mini Market" li huwa sitwat fi Triq Hector Dalli, Zejtun, ghad dannu ta' Morris Sultana, liema serq huwa aggravat bil-mezz u valur;

2) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa liema oggetti gew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghom jew imexxihom;
3) talli fl-istess data, hin u cirkostanzi kkaguna hsara jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, fl-imsemmi Mini Market, liema hsara ma tiskorriex is-somma ta' LM50;
4) talli huwa jinsab ricediv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula jew imhasra.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Lulju, 2003 li biha, wara li rat l-Artikoli 17(b), 20, 49, 50, 261(b), 261(c), 263, 264, 265, 266, 267, 278, 279, 280, 325(1)(c), u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat Charlot Aquilina hati tal-imputazzjonijiet kollha, hlief ghat-tieni imputazzjoni dik ta' ricettazzjoni, peress illi una volta rrizulta s-serq, ma setghax irrizulta ukoll ir-reat ta' ricettazzjoni w ikkundannatu ghall-prigunerija ta' sentejn, u ordnat lill-imputat sabiex fi zmien xahar ihallas nofs l-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appellant Charlot Aquilina minnu pprezentat fid-29 ta' Lulju 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell fis-sens illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn illiberat lill-esponent mit-tieni akkuza, tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li thassarha w tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena gusta ghall-kaz odjern, kif ukoll thassaraha w tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat lill-esponent ihallas nofs l-ispejjez tal-esperti w minnha tilliberah.

Illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor huma s-segwenti w cioe' :- 1. Illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tikkundannah ihallas l-ispejjez tal-esperti kif ghamlet ghax dawn kien gew nominati fl-istadju tal-inkjesta w , skond sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza "Il-Pulizija vs. Trevor Farrugia" dan ma jistax isir; 2. illi dwar il-piena, l-Ewwel Qorti mhux biss injorat kompletament is-sottomissjonijiet tad-difiza, izda tat

l-impressjoni li d-difiza naqset li taghmel sottomissjonijiet , mentri fil-fatt id-difiza kienet ipprezentat rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tkun tista' tipprezenta mhux biss sottomissjonijiet dwar il-piena izda anki dokumenti importanti; 3. Illi l-kuncett ta' "crime does not pay" m'ghadux applikabbli fiz-zminijiet tal-lum; 4. Illi l-Ewwel Qorti naqset li tammetti fil-process dokumenti ta' importanza kardinali w cioe' dikjarazzjoni tal-employer tal-appellant li kienet turi li ilu jahdem madwar ghaxar snin u formola tat-taxxa tieghu li turi li qed ihallas it-taxxa. Kieku l-Ewwel Qorti rat id-dokumenti, kienu jikkrollaw l-argumenti taghha kontenuti fis-sentenza ; 5. Illi x-xiehda ta' l-probation officer Carmen Nygaard tnehhi kull dubju li l-appellant kien diga qabad it-triq tar-riabilitazzjoni w ghalhekk l-Ewwel Qorti ma setghetx tasal biex taghmel l-asserzjoni drastika w ripetuta li l-appellant ma riedx ibiddel hajtu ; 6. Li l-ewwel Qorti skartat id-dokumenti esebiti mid-difiza meta dawn kienu rilevanti ; 7. Illi l-Ewwel Qorti qabdet u ddifferiet il-kawza ghas-sentenza f'seduta meta d-difensur tal-appellant kien informa l-Qorti li hu kien indispost u ma setax jattendi biex jassisti lill-appellant dak in-nhar u dan jikkostitwixxi ksur tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq; 8. Illi l-appellant kien ikko-opera bis-shih mall-awtoritajiet investigattivi . Ghalhekk il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti ma kienetx wahda gusta.

Semghet it-trattazzjoni ;

Ikkonsidrat ;

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jirrigwarda l-kundanna ghall-hlas tal-ispejjez tal-periti li hu qed jghid kienu gew nominati waqt l-inkjesta magisterjali w mhux waqt il-kumpilazzjoni . Hu ccita appropozitu sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Trevor Farrugia" tas-16 ta' Jannar , 1996 , (recte 29.1.1996) . Issa f'din is-sentenza din il-Qorti kienet ukoll iccitat b'approvazzjoni sentenzi ohra w cioe' "Il-Pulizija vs. Saverio Micallef" [22.9.1993]; u sentenzi tal-Qorti Kriminali fil-kawzi "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Joseph Calleja" [9.11.1995] u "L-Maesta' Tieghu ir-Re vs. Vincent

Cacciottolo" [6.4.1948] , u fejn fl-ahhar wahda ntqal testwalment :-

"Il-ligi kriminali ..thalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti li l-kundanna tkun ghall-ispejjez kollha jew ghal parti minnhom biss;
"Illi certament fl-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni , l-Qorti ghandha tkun gwidata minn certi kriterji ;…
"Illi r-riflessjonijiet li jidher li ghandhom isiru in linea ta' massima , dwar din il-materja , huma x'aktarx dawn : (a) ix-xorta w cirkostanzi kollha tad-delitt ; (b) jekk l-ispejjez tal-perizja jkunux ta' xorta tali li aktarx jikkonnettu ruhom mall-accertament tal-"in genere" , fis-sens li kienu dejjem isiru anki apparti l-process kontra l-akkuzat , taht l-art. 540 et seq. Kap.12 jew jekk jikkonnettux ruhom anki mar-responsabilta' ta' l-akkuzat partikolari w ta' x'hiex ghandu jirrispondi ; ( c ) jekk il-prova peritali kienetx assolutament necessarja , jew setghetx ma ssirx , jew issir aktar ekonomikament , kwante volte kien hemm xi estensjoni mhux tant gustifikata tal-inkariku."

Issa umbaghad intqal fis-sentenza "Republika ta' Malta vs. Joseph Calleja" fuq citata, li meta l-Qorti tal-Magistrati tikkonferma l-esperti nominati ghall-finijiet tal-inkjesta dwar l-"in genere" , tali konferma ghandha titqies bhala nomina gdida . F'kaz simili , dak li wiehed irid jara hu (1) jekk dawk l-esperti jkunux lahqu rrelataw fil-proceduri tal-inkjesta jew , jekk minnhabba li l-inkjesta tkun inghalqet, (2) ikunux irrelataw fil-proceduri tal-istruttorja jew tal-kawza proprja, igifieri fil-kontradittorju . Huwa biss f'din it-tieni ipotesi li l-ispejjez inkorsi fil-perizja li tkun jistghu jinkwadraw taht l-artikolu 533 (1) tal-Kodici Kriminali u f' din l-ipotesi l-gudikant ghandu jimxi skond il-kriterji ndikati fis-sentenza Cacciotolo" .

Fis-sentenza citata mill-appellant odjern l-esperti kollha kienu rrelataw fil-proceduri tal-inkjesta dwar l-"in genere" u ghalkemm l-esperti kienu gew ikkonfermati mill-Qorti Istruttorja , din il-Qorti kienet iddecidiet li l-appellant kellu jhallas biss l-ispejjez inkorsi in konnessjoni mad-depozizzjoni ta' dawk l-esperti fil-kors tal-istruttorja w mhux ukoll l-ispejjez konnessi mad-depozizzjoni taghhom

u r-relazzjonijiet , dokumenti jew pjanti esebiti minnhom fil-kors tal-inkjesta dwar l-"in genere" jew inkarigi li kienu lahqu espletaw f' dik l-inkjesta.

Issa fil-kaz in ezami , it-tlitt esperti tal-Qorti PC 1525 Patrick Farrugia, Hugh Camilleri , u PC 1336 Jesmond Micallef kienu kollha gew nominati waqt l-inkjesta dwar l-"in genere" mil-Magistrat Dr. Giovanni Grixti , bid-digriet tieghu tat-22 ta' Mejju, 2001 (Fol. 48 tal-process) u fil-waqt li PC Farrugia pprezenta w kkonferma r-relazzjoni tieghu fil-25 ta' Gunju, 2001, Hugh Camilleri u PC Micallef ikkonfermaw ir-relazzjoni taghhom quddiem l-istess Magistrat fl-4 ta' Lulju, 2001 , cioe' it-tlieta li huma fil-kors tal-inkjesta w qabel ma bdew il-proceduri odjerni kontra l-appellant . Illi huwa minnu li dawn reghhu gew konfermati bhala esperti fil-proceduri odjerni bid-Digriet tal-Ewwel Qorti tat-22 ta' Jannar, 2002 (Fol. 28), pero' kien jidher car li dawn kienu gja espletaw l-inkariku li ghalih kienu gew nominati fil-kors tal-inkjesta, li nghalqet fit-12 ta' Lulju, 2001 u QABEL ma l-appellant gie akkuzat bic-citazzjoni li ggib id-data tat-23 t' Awwissu, 2001 (Fol. 1 u 2) .

Ghalhekk ghab-bazi tal-gurisprudenza fuq citata, jidher li l-ewwel ilment tal-appellant dwar il-kundanna ghall-hlas ta' nofs l-ispejjez tal-perizji nkorsi fl-inkjesta dwar l-"in genere" huwa fondat u li hu se mai imissu gie biss ikkundannat ihallas l-ispejjez tad-depozizzjonijiet tat-tlitt esperti quddiem l-Ewwel Qorti, jekk dawn gew intaxxati u jekk fil-fatt jezistu .

Illi rigward l-ilmenti w l-aggravji l-ohra li kollha jirrigwardaw il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti , jibda biex jintqal li in linea di massima l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi w ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" [14.6.1999] , "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" [24.4.2003] u ohrajn.)

Issa fil-kaz odjern l-appellant ressaq diversi ragunijiet u aggravji biex isostni l-punt tieghu li l-piena ma kellhiex

tkun dak li hi . Din il-Qorti thoss li jkun ahjar li qabel xejn jigu ri-epilogati r-“res gestae” quddiem l-Ewwel Qorti , billi dawn jistghu jincidu fuq id-diversi lmenti tal-appellant jew uhud minnhom , u biex ma jkunx hemm bzonn ta’ ripetizzjoni taghhom aktar ‘l isfel f’ dis-sentenza.

L-appellant u akkuzat iehor gew akkuzati b’citazzjoni “a piede libero” fit-23 t’ Awwissu, 2001. L-ewwel dehra kellha ssir fil-5 t’ Ottubru, 2001, pero’ dak in-nhar ma seta’ jsir xejn ghaliex l-akkuzat l-iehor ma deherx. Rega’ gara l-istess fid-differiment ta’ wara w cioe’ fil-5 ta’ Dicembru, 2001 u nhareg mandat t’ arrest kontra l-akkuzat l-iehor ghat-22 ta’ Jannar, 2002. Dak in-nhar deher kullhadd , l-akkuzati ammettew l-akkuzi , gie esebit il-process verbal (Fol. 34) , xehdu l-esperti li kkonfermaw ir-rapporti taghhom u  l-kawza baqghet differita ghall-5 ta’ Frar, 2002. Dak in-nhar xehdet il-probation officer Carmen Nygaard u l-appellant per mezz tad-difensur tieghu ghadda LM25 lill-Ispettur Saliba (Fol. 102). Ghalkemm il-verbal jghid li l-kawza giet differita ghat-12 ta’ Frar, 2002, ma hemm ebda verbal ta’ dis-seduta fil-process u l-ewwel udjenza sussegwenti  tidher li saret biss fit-12 t’ April, 2002, meta ma sar xejn ghax l-akkuzat l-iehor kien l-Isptar . Il-kawza baqghet differita ghall-21 ta’ Gunju, 2002, meta l-kawza b’ordni tal-Qorti giet differita ghat-18 ta’ Lulju, 2002 u dak in-nhar, minnhabba mard, regghet giet differita ghad-9 t’Ottubru, 2002. Anki hawn rega ma sar xejn ghax l-akkuzat l-iehor rega ma deherx u l-kawza baqghet differita ghall-15 ta’ Jannar, 2003. (Fol. 109) . Fl-ahhar dak in-nhar dehru z-zewg imputati izda l-avukati tad-difiza talbu ftit aktar zmien sabiex iressqu s-sottomissjonijiet taghhom dwar il-piena . Il-kawza giet differita ghat-18 ta’ Marzu, 2003 b’ dana illi l-Ewwel Qorti ddikjarat li “SEJRA TAGHMILHA CARA ILLI SER TAPPUNTA SEDUTA WAHDA BISS GHAT-18 TA’ MARZU, 2003 , GHAL DAN IL-GHAN U WARA DAKINHAR IL-QORTI SEJRA TGHADDI  GHAS-SENTENZA.” (Fol. 110).

Gara pero li fit-18 ta’ Marzu, 2003, il-Qorti giet infurmata li Dr. Franco Debono difensur tal-appellant kien jinsab indispost , l-Qorti ddifferiet il-kawza ghas-sentenza , prezumibilment wara li semghet it-trattazzjoni ta’ Dr. M.

Sciriha ghall-imputat l-iehor (mhux ghax hekk verbalizzat izda ghax hekk inghid fis-sentenza) ghall-20 ta’ Mejju, 2003, bil-fakolta’ lill-istess Dr. Sciriha li jipprezenta per mezz ta’ nota certifikati medici . Fit-13 ta’ Mejju, 2003, l-appellant odjern ipprezenta rikors fejn talab li l-Ewwel Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza w tisma’ lill-appellant u s-sottomissjonijiet tieghu (Fol. 114). Fil-15 ta’ Mejju, umbaghad l-appellant ipprezenta nota ta’ sottomissjonijiet dwar il-piena bi tlitt dokumenti annessi maghha (Fols.119 sa 123) . Fl-20 ta’ Mejju, 2003, ma sar xejn ghax il-Magistrat li kienet qed tippresjedi l-Ewwel Qorti kienet indisposta u l-kawza giet differita ghas-17 ta’ Lulju, 2003 . (Fol. 113). Fil-5 ta’ Gunju, 2003, Il-Kummissarju tal-Pulizija rrisponda ghar-rikors tal-appellant fuq imsemmi w ma opponiex li l-Ewwel Qorti takkolji t-talba tal-appellant biex jaghmel sottomissjonijiet (Fol. 117) u b’digriet li jgib l-istess data l-Ewwel Qorti , wara li rat dir-risposta laqghet it-talba testwalment : “billi tammetti fl-atti ta’ dawn il-proceduri n-nota pprezentata minn Charlot Aquilina fil-15 ta’ Mejju, 2003 u <u>xejn aktar</u>.” (fol.118) (sottolinear tal-Ewwel Qorti) . Fis-17 ta’ Lulju, 2003 mbaghad inghatat is-sentenza appellata.

Din il-Qorti ser tittratta l-aggravji fuq elenkati bin-numri 2,4 6 u 7 billi dawn huma sa certu punt intimament konnessi mall-fatti appena rikapitolati w ma xulxin .Issa l-ewwel aggravju hu li l-Ewwel Qorti mhux biss injorat is-sottomissjonijiet tad-difiza dwar il-piena talli tat l-impressjoni li qiesu d-difiza naqset milli taghmel sottomissjonijiet , meta d-difiza kienet proprju ghamlet rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tkun tista’ taghmel tali sottomissjonijiet u tipprezenta dokumenti mportanti. Hu ndubbjament minnu li sar dan ir-rikors mid-difiza , ghalkemm dan sar gimgha biss qabel ma kellha tinghata s-sentenza w addirittura kwazi xaharejn wara li l-appellant kien jaf li l-kawza tieghu kienet giet differita ghas-sentenza. Din il-Qorti hawn tosserva li wiehed kien jistenna li dar-rikors kellu jigi ntavolat appena l-Ewwel Qorti kienet iddiferit il-kawza ghas-sentenza fit-18 ta’ Marzu, 2003 , jekk veru l-appellant ried jaghmel sottomissjonijiet daqshekk importanti dwar il-piena w mhux joqghod jistenna li tasal

kwazi d-data tas-sentenza biex jintavolah. Din il-Qorti ma tistax tkun fiz-zgur jekk dan kienx b' koincidenza jew parti minn tattika fina biex l-appellant ifixkel l-ghoti tas-sentenza fl-ahhar mument . Kull kif din il-Qorti tifhem l-esasperazzjoni li setghet hasset l-Ewwel Qorti rinfaccata b'din it-talba fi stadju hekk inoltrat u tissimpatizza maghha jekk setghet hasset li kien qed isir tentattiv biex il-kawza titwal.

Din il-Qorti tosserva li l-Ewwel Qorti kienet tat-"avviso ai naviganti" fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2003,meta ddikjarat u vverbalizzat li kienet ser tappunta seduta wahda biex isiru s-sottomissjonijiet tad-difiza - meta dawn fuq talba tad-difensuri ma setghux isiru dak in-nhar stess – u li wara dakinhar kienet ser tghaddi ghas-sentenza. Wiehed jista' jargumenta li meta l-Ewwel Qorti giet rinfaccjata b' informazzjoni li d-difensur tal-appellant kien indispost f' dik id-data, forsi kien ikun aktar prudenti li kieku regghet iddifferiet ghall-ahhar darba ghal data vicina biex tisma' s-sottomissjonijiet tal-appellant u xi provi li seta' ried iressaq. Mill-banda l-ohra pero' wiehed kien jistenna li jekk l-avukat difensur kien indispost fid-data meta kellu jittratta w ried differiment biex jaghmel dan , imissu jew ghamel rikors ghal dan il-ghan jew baghat xi avukat iehor jitlob differiment ghal-istess raguni ghan-nom tieghu . Minn dan ma sar xejn pero' w kull ma kellha l-Ewwel Qorti kienet informazzjoni – mhux car minn fejn giet u kemm kienet preciza – li l-avukat kien jinsab indispost. F'din is-sitwazzjoni w konsidrat ukoll id-dewmien fil-kawza kagjonat mill-assenzi ripetuti tal-akkuzat l-iehor , wiehed jifhem li l-Ewwel Qorti ma riedetx taghti lok ghall-aktar dewmien bla bzonn fil-kawza w li ghalhekk iddifferiet ghas-sentenza.

Il-bran fis-sentenza appellata fejn jintqal testwalment :-
"Rat ukoll li minkejja li gie moghti l-opportunita' sabiex jaghmel l-istess trattazzjoni (li kien ghamel Dr. Sciriha) ghall-klient tieghu l-imputat Charlot Aquilina , Dr. Franco Debono naqas milli jaghmel dan u l-Qorti ma setghetx taghmel mod iehor hlief li thalli l-kawza ghas-sentenza"
ghalkemm forsi mhux ghalhekk preciz u felici ghall-ahhar , ghax fil-fatt il-fatti graw kif fuq espost , jidher li kien intiz

biex il-Qorti tesprimi in-nuqqas ta' sodisfazzjon taghha ghal-mod kif imxiet id-difiza u mhux bhala motivazzjoni tas-sentenza dwar il-piena "ut sic" .

B'dana kollu gara li s-sentenza xorta ma nghatatx fil-jum li fih kellha tinghata w l-Ewwel Qorti xorta wahda ammettiet fl-atti n-nota t'osservazzjonijiet tal-appellant u dan prezumibilment japplika wkoll ghat-tlitt dokumenti annessi maghha, ghaliex ghalkemm dan ma jissemmiex espressament fid-digriet tal-5 ta' Gunju, 2003, fil-fatt dawn it-tlitt dokumenti jinsabu fil-process. Jidher ghalhekk li mhux korrett l-appellant meta jghid fir-rikors tieghu illi l-Ewwel Qorti "kapriccosament naqset milli tammetti fil-process zewg dokumenti ta' importanza kardinali u cioe' d-dikjarazzjoni tal-employer tal-esponenti illi ddikjara li kien ilu jahdem ghal madwar ghaxar xhur kif ukoll formola tat-taxxa tal-esponent " ghaliex dawn fil-fatt gew ammessi w jinsabu fil-process. Ghalhekk mhux korrett l-appellant meta fir-rikors tal-appell tieghu jghid li ma nghatax l-opportunita' li jaghmel sottomissjonijiet u li jressaq id-dokumenti li ried iressaq , qabel ma nghatat is-sentenza. Lanqas ma jista' jinghid ghalhekk li gie b'xi mod lez id-dritt tal-appellant ghal smiegh xieraq , ghaliex dak li kellu jressaq l-appellant in propria difeza thalla jaghmlu permezz tan-nota minnu prezentata li fiha tista' tghid il-punti kollha saljenti tad-difiza tieghu kif ukoll bid-dokumenti annessi maghha xorta wahda.

Ghalhekk dan l-ilment taht dan l-aspett hu wiehed frivolu w vessatorju .

L-ilment tal-appellant imur oltre pero' w jghid li l-Ewwel Qorti njorat u skartat kompletament is-sottomissjonijiet tieghu dwar il-piena. Dan l-ilment sa certu punt jikkontradici dak precedenti li jghid li l-Qorti ma ammettietx is-sottomissjonijiet u dokumenti in propria difeza , ghax Qorti ma tistax tinjora dak li mhux quddiemha . Stabilit li dawn is-sottomissjonijiet u dokumenti kienu quddiemha, wiehed irid jara jekk fil-fatt dawn gewx moghtija l-piz li jixirilhom u gewx konsidrati fis-sentenza appellata. L-appellant jghid li le.

Illi dan l-ilment donnu jidher fondat ghaliex fis-sentenza appellata ma hemm ebda riferenza ghall-punti li l-appellant gab in difesa proprja fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu w d-dokumenti maghha annessi w li jifformaw parti ntegrali mill-process. Di fatti l-Ewwel Qorti , meta kienet qed tiddeciedi dwar il-piena li kellha tinghata lill-appellant Aquilina, qalet biss : - “

*“Illi dan l-appellant ghandu fedina penali ta’ erba faccati . Huwa gie misjub hati mill-Qrati taghna sitt darbiet, gie moghti diversi opportunitajiet biex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba . Madankollu wera bic-car illi ma riedx jahtaf dawn l-opportunitajiet illi tawh il-Qrati Taghna”*

u aktar ‘l isfel ziedet tghid :-

*“Illi inoltre minn mindu dan l-imputat irregistra it-twegiba tieghu li kien hati tal-akkuzi odjerni w cioe’ fit-22 ta’ Jannar, 2002, sad-data tal-ahhar seduta mizmuma mill-Qorti u cioe’ t-18 ta’ Marzu, 2003, , l-imputat ma ressaq ebda prova illi huwa kien b’xi mod irriforma hajtu , jew per ezempju illi beda w ttermina b’succcess xi programm ghar-riabilitazzjoni mid-droga jew minn xi vizzju iehor li seta’ kellu fiz-zmien illi kkommetta r-reati in kwistjoni u kull ma ghamel kien illi waqt is-seduta tal-5 ta’ Frar, 2002 ghadda s-somma ta’ hamsa w ghoxrin lira (LM25) lill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur David Saliba. Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija , il-Qorti tara illi dan l-imputat wera bic-car illi ma jridx jirriforma hajtu kif gie moghti diversi opportunitajiet li jaghmel mill-Qrati Taghna.”*

Issa f’dawn iz-zewg brani tal-motivazzjoni tas-sentenza dwar il-piena appena citati, l-Ewwel Qorti ma ghamlet ebda referenza ghall-punti msemmija mill-appellant fin-nota ta’ osservazzjonijiet tieghu hlief ghall-fatt ta’ konsenja ta’ LM25 lill-ufficjal prosekutur u lanqas ghad-dokumenti minnu esebiti w cioe’ l-ittra tal-employer tieghu “STEEL STRUCTURES CO.LTD.”(Dok. B a fol. 122) li tghid li fl-24 ta’ Marzu, 2003, l-appellant kien ilu impjegat maghha ghall-ghaxar xhur; il-formola tal-income tax FS 4 (Dok. A a fol. 121) u ghall-ittra rapport tal-probation officer Carmen

Nygaard indirizzata lid-difensur tal-appellant (Dok.C a fol. 123) fejn irrelatat dwar il-komportament tieghu .

Ghalkemm non va detto li dawn il-provi kellhom bil-fors iwasslu lill-Ewwel Qorti li tapplika piena differenti minn dik li nghatat, il-fatt li ma issemmew xejn u lanqas biss sar l-icken accenn ghalihom , jinduci lil din il-Qorti tahseb li gew injorati ghal kollox forsi anki b' xi “oversight” ghax ma kienux quddiem l-Ewwel Qorti minkejja li kienet ammettiethom , meta kienet qed tigi abbozzata s-sentenza. Altrimenti wiehed difficilment jifhem kif ma gewx imsemmija w trattati fis-sentenza . Jekk hu hekk , dan kien nuqqas fis-sentenza appellata li jrid jigi ndirizzat.

Huwa minnu li dawn it-tlitt dokumenti huma post datati ghad-differiment tat-18 ta’ Marzu , 2003 u dan juri li d-difiza ma kienetx ghamlet l-almu taghha biex ikunu f’idejha qabel id-data iffissata ghat-trattazzjoni finali, u li dawn kollha saru wara li l-kawza giet differita ghas-sentenza u fi stadju fejn ma setghux jigu verifikati okkorrendo bil-gurament kemm ghall-awtentikazzjoni taghhom u ghall-korrettezza taghhom u forsi dan seta’ wassal lill-Ewwel Qorti biex tinjorhom . Imma ladarba gew ammessi , l-Ewwel Qorti jmissha ghall-inqas ikkonsidrathom u qalet li qed tikkonsidrhom , halli umbaghad tasal ghall-konkluzzjoni li trid tasal ghaliha in vista tac-cirkostanzi l-ohra kollha . B’hekk biss seta’ jitnehha d-dubju jekk fil-fatt ikkonsidrathomx jew le.

Illi ghalhekk il-motivazzjoni tal-Ewwel Qorti meta ddecidiet li tikkundanna lill-appellant ghal sentejn prigunerija tidher li ma kienetx kompleta , ghalkemm mhux necessarjament skorretta jew zbaljata fil-konkluzzjoni .

Illi l-ilment li l-appellant kien ikkoopera bis-shih mall-Pulizija u li dana ukoll ma giex konsidrat fis-sentenza appellata jidher ukoll fondat ghaliex ghalkemm irrizulta minn dak li vverbalizza l-Ispettur David Saliba fis-seduta tat-22 ta’ Jannar, 2002, dan ukoll ma sabx post fis-sentenza appellata .

Fir-rigward tal-ilment dwar id-depozizzjoni tal-Probation Officer Carmen Nygaard , dan gie trattat fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata. Meta xehdet fil-5 ta’ Frar, 2002, Nygaard qalet li l-appellant kien hareg mill-habs fil-5 ta’ Novembru, 2001 u kien zamm kuntatt maghha mill-ewwel gurnata. Fit-28 ta’ Jannar, 2002, kien beda’ “course” fil-“welding” id-Drydocks, fejn kien intbaghat mill-ETC . Dan il-course kien ghal tmin gimghat , ta’ tmin sieghat kulljum , mit-tnejn sal-gimgha. Dak iz-zmien kien qed ukoll jaghmel sforz pozittiv biex isib ix-xoghol . Beda juri motivazzjoni wara li kien hareg mill-habs ghax qabel ma kellux motivazzjoni. L-ahhar “urine test” li kienet haditlu kien fit-23 ta’ Jannar , 2002 u kien negattiv. L-Ewwel Qorti pero’ qalet li ma tara xejn konkret u tangibbli li jista’ b’ xi mod iserrah mohha li l-appellant odjern huwa xi persuna riformata li ma tirraprezenta ebda perikolu ghas-socjeta’ .

Pero’ fir-rapport mhux mahluf taghha li jgib id-data tat-3 t’ April, 2003, (Dok C a fol. 123), din ix-xhud ziedet li wara li l-appellant kien temm il-kors hu kien sab xoghol mall-kumpanija Steel Structures Co. Ltd. liema impieg kien ghadu jzomm sat-3 t’ April, 2003. Ghandu relazzjoni stabbli ma tfajla w qed jippjanjaw li fil-gejjieni qarib jizzewgu kif ukoll li hu dejjem zamm l-appuntamenti moghtija lilu mill-Ufficju tal-Probation u mill-agenzija Sedqa. Dan ma giex mehud in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata.

Dana kollu premess, din il-Qorti tara li l-Ewwel Qorti kellha decizjoni mhux facli quddiemha meta tigi biex tapplika l-piena . Ibda biex l-appellant hu recidiv konfess u ghalhekk skond l-artikolu 28A (7) (b) u (c) tal-Kap.9 ma setghetx tatih sentenza ta’ prigunerija sospiza . Lanqas ma jidher li kien il-kaz li tinzel taht il-minimum tal-piena ta’ prigunerija preskritta bil-ligi skond l-artikolu 21 tal-Kap.9. L-unika alternattiva ghall-sentenza ta’ prigunerija skond il-ligi kienet li tapplika xi wiehed mill-provvedimenti taht l-Att dwar il-Probation (Kap.442 tal-Ligijiet ta’ Malta) li sadattant kien issostitwixxa l-Kap.152.

Issa fil-kaz in ezami kif jidher mill-fedina penali aggornata tal-appellant, hu nstab hati mill-Qrati mhux inqas minn sitt

darbiet . L-ewwel darba fil-5 ta' Marzu , 1996, ghal reat ta' vjolazzjoni ta' proprjeta' , daghha w ksur tal-paci pubblika. Dak in-nhar gie kundannat biss ghall-ammonizzjoni w reprensjoni. Fis-16 ta' Dicembru, 1997, instab hati ta' serq semplici ta' portmoney fl-14 ta' Settembru, 1997 u gie liberat bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt xhur. Umbaghad fis-27 t' Ottubru, 1999 gie misjub hati ta' serq kwalifikat, hsara volontarja, tentattiv ta' serq u recidiva kommessi fil-15 ta' Jannar, 1999 u gie sentenzjat ghal tnax il-xahar prigunerija. Qabel din is-sentenza pero' l-appellant kien ukoll ikkommetta serq ta' flus u hsara volontarja fit-23 ta' Mejju, 1998 , u ta' dan instab hati b'sentenza tal-4 t' Ottubru, 2000 u l-Qorti – wisq probabbli injara tal-fatt li hu kien gja gie sentenzjat ghall-habs b'sentenza precedenti – poggietu taht probation ghal zmien sentejn . Dan hafna drabi jigri ghaliex il-Qrati ma jkollhomx kopja AGGORNATA tal-fedina penali tal-akkuzat u ghalhekk ma jkolllhomx stampa cara ta' dak li jkun gara tul il-periodu kollu minn meta tkun bdiet il-kawza w giet esebita l-fedina penali tal-akkuzat sakemm tigi biex tinghata s-sentenza kulltant xhur jekk mhux addirittura snin wara ! L-istess jidher li gara meta fit-2 ta' Frar, 2001, Qorti ohra sabet lill-appellant odjern hati talli fit-28 t'Ottubru, 1998 u t-tlitt snin ta' qabel kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina w kokaina . Anki hawn l-appellant odjern rega' tpogga taht probation ghal zmien sentejn. B'dana kollu w minkejja li kien diga nghata zewg opportunitajiet godda biex ma jmurx il-habs fuq reati serji – wara li diga kien il-habs – l-appellant odjern, tul l-istess periodi tal-probation, fil-25/26 ta' Lulju, 2001, ikkommetta tentattiv ta' serq aggravat , hsara volontarja w kien instab hati ta' dan w tar-recidiva b'sentenza tas-27 ta' Lulju, 2001u kkundannat hames xhur prigunerija. Sadattant ukoll fl-istess periodi ta' probation u cioe fit-22 ta' Mejju, 2001, l-appellant kien ukoll ikkommetta r-reati minnu ammessi f'din il-kawza.

Minn dan kollu jidher li minkejja li fil-bidu tal-hajja refrattarja tieghu , l-appellant kien inghata aktar minn opportunita' wahda biex jindem u jirriforma ruhu w aktar tard, sahansitra anki wara li kien intbaghat il-habs, il-Qrati regghu tawh zewg opportunitajiet ohra minkejja li kien

instab hati ta' reati serji w poggewh taht probation, hu xorta wahda ma hatafx dawn l-opportunitajiet , anzi , addirittura fil-periodi tal-probation lilu moghtija, kkommetta r-reati odjerni u ohrajn li gja inbaghat il-habs ghalihom. F' dan il-kuntest kull appell ulterjuri sabiex jerga' jinghata "a window of opportunity" ma jistghux isibu r-rispons favorevoli ta' din il-Qorti kif ma sabux fl-Ewwel Qorti.

Illi hu minnu li s-sistemi penali fiz-zminijiet tal-lum m'ghadhomx motivati bil-kuncett tar-retribuzzjoni w tat-tpattija tas-socjeta' kontra min jikser il-ligijiet kriminali . Illi hu minnu ukoll li ghandu jsir kull sforz biex, jekk jista' jkun, il-kriminali jigi rkuprat mis-socjeta' billi wiehed jipprova jikseb ir-riforma tieghu w mhux biss il-kastig li trid il-ligi. Illi s-sistema taghna jipprovdi diversi modi kif kriminal jinghata l-opportunita' li jaghmel dan billi jinghata opportunita' jew aktar biex jirriforma ruhu w jbiddel hajtu. Mill-banda l-ohra pero' hemm il-limiti mposti mid-decenza w mis-serjeta' ta' kemm il-Qrati jistghu jkunu liberali mall-kriminal. Meta akkuzat jigi moghti , opportunita' wahda, tnejn , tlieta w erba , kif gara f' dan il-kaz, u xorta wahda jibqa' ghaddej bil-hajja refrattarja tieghu , jasal il-mument meta fl-ahhar ikun irid jaghmel il-kontijiet u jhallas id-debiti tieghu versu s-socjeta' li bl-eghmil tieghu jkun tant allarma w ddisturba w versu l-vittmi tar-reati minnu kommessi li jkunu gew trawmatizzati forsi ghal dejjem bl-agir tieghu. Il-fatt li kriminal ma jibqax jiehu d-drogi ghal xi zmien u jiddeciedi li jibda jahdem , ghalkemm lodevoli w ta' min jinkoraggihom , huma ta' gid l-ewwel u qabel kollox ghalih innifsu w meta jaghmel hekk mhux qed jaghmel xi pjacir lis-socjeta' w lanqas ma jatuh xi certifikat t' immunita' mis-sanzjonijiet penali ghall-eghmil refrattarju tieghu. Meta jkun qed jaghmel dan ikun qed jaghmel biss dak li jaghmlu l-maggor parti tac-cittadini normali w onesti u xejn aktar .

Din il-Qorti ghalhekk wara li qieset l-antecedenti penali tal-appellant u wara li qieset il-fatturi kollha , inkluz il-fatt li donnu issa – fl-ahhar – iddecieda li jibda jahdem u li ma jiehux aktar drogi , thoss li l-Ewwel Qorti kellha kull ragun li tapplika l-piena karcerarja fil-konfront tal-appellant , biss pero' minhabba li fis-sentenza appellata ma jidhirx li

ttiehdu in konsiderazzjoni l-fatturi pozittivi fuq imsemmija, hemm lok ghal temperament fil-piena .

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tirriforma s-sentenza appellata , billi tikkonfermaha fejn sabet lill-appellant fuq ammissjoni , hati tar-reati kollha dedotti kontra tieghu w tal-addebitu tar-recidiva w tirrevokaha in kwantu kkundannatu ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien sentejn u ordnatlu sabiex fi zmien xahar ihallas nofs l-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mall-hatra tal-esperti f' dan il-kaz , u minnflok tikkundannah ghal tmintax (18) il-xahar prigunerija mil-lum u tordnalu jhallas biss nofs l-ispejjez tad-depozizzjonijiet tal-periti li kienu gew nominati waqt l-inkjesta w li nghataw fil-kors ta' din il-kawza , jekk dawn gew intaxxati w jekk gew inkorsi xi spejjez , ghax dan ma jirrizultax mill-atti processwali .

*Fl-ahhar nett, wara li rat l-artikolu 10 (1) (b) tal-Kap. 152 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna li l-appellant Charlo Aquilina jintbaghat quddiem l-Awli rispettivi tal-Qorti tal-Magistrtati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li b'sentenzi tal-4 t' Ottubru, 2000 (Magistrat Dr. J. Padovani Grima) u tas-6 ta' Frar, 2001 (Magistrat Dr. N. Cuschieri) l-ordnijiet ta' probation kienu maghmula minnhom w li kienu rispettivament poggew lill-appellant odjern taht probation ghal zmien sentejn , sabiex jittrattaw mall-akkuzat Charlo Aquilina ghar-reati li ghalihom l-ordnijiet ta' probation kienu gew maghmula u dana stante l-kommissjoni tar-reati mertu ta' dan l-appell tul il-periodu ta' probation rispettiv minnhom ordnat kif fuq intqal.*

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------